

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11800/23

FIN 783
INST 273
PE-L 25

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC/2023 fit-Taqsima IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - tal-baġit ġenerali għall-2023

1. Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC 09/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 0.8 miljun mill-Artikolu 1 0 2 (*Allowances tranżitorji*) għall-Partita 2 0 2 4 (*Konsum tal-enerġija*).

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippromponi t-tisħiħ ta' din il-linja baġitarja sabiex tiffinanzja defiċit baġitarju mistenni wara ż-żieda sinifikanti ħafna fil-prezzijiet tal-elettriku u t-tisħin meta mqabbla mat-tbassir li kien ibbażat fuqu l-abbozz tal-baġit 2023.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023.
4. Wara l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, nixtieq ninfurmak li l-Kunsill irrifjuta t-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC/2013 fit-Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - tal-baġit ġenerali għall-2013.

(Formola tal-għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).